MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 1549/2001/1

**Direttur tad-Dipartiment tal-Bini u Ingenerija**

**VS**

**Emmanuel Zarb f'ismu propju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Zarb Garage Limited u b'digriet tas-27 ta' Gunju 2005 u s-socjeta' Zarb Coaches Limited assumiet l-atti tal-kawza flok is-socjeta' Zarb Garage Limited u Kunsill Lokali Gzira**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi tad-Dipartiment tal-Bini u Ingenerija fi hdan it-Taqsima tax-Xogholijiet accetta li jinstalla *lift* fic-Centru tas-Sahha fil-fond Nru.1, Gzira Circus, Gzira, wara li saret talba mill-konvenut Kunsill Lokali tal-Gzira.

Peress illi meta id-Dipartiment gie biex jinstalla l-imsemmi *lift* fl-istess Centru tas-Sahha, irrizulta li l-propjeta' fejn kellu jigi nstallat tali *lift* kienet propjeta' privata u ghaldaqstant kien jehtieg il-permess tas-sidien qabel ma' jitwettqu kwalunkwe xogholijiet ta' natura strutturali, liema permess baqa' ma nghatax.

Peress illi l-konvenut Kunsill Lokali tal-Gzira iddentifika li-garage bl-isem Zarb Garage, Gzira Road, Gzira, fejn kellu jigi maganizzat *lift* sakemm jinstab rimedju mas-sidien tal-fond Nru.1, Gzira Circus, Gzira.

Peress illi f'Settembru tas-sena 1997, tali *lift*, fuq struzzjonijiet tal-Kunsill Lokali gie kkonsenjat lil Emmanuel Zarb bil-ghan espress li l-istess konvenut Zarb kellu jzomm dan il-*lift* ghal zmien qasir.

Peress illi l-esponent ma dahal f'ebda ftehim ma' l-imsemmi konvenuti Zarb dwar hlas.

Peress illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex iroddu lura *l-lift* lid-Dipartiment tal-Bini u Ingenerija, bhala sid il-*lift*, l-istess konvenuti naqsu milli jaghmlu dan.

Peress illi l-konvenuti naqsu milli jroddu lura l-imsemmi *lift* lill-attur, ghalkemm kienu nterpellati anke permezz ta' ittra ufficjali, u s-socjeta' konvenuta rrifjutat stante illi qieghda titlob kumpens ghall-magazinagg bir-rata ta' Lm5 kuljum, kif ukoll dritt ghar-refuzjoni ta' l-ispejjes inkorsi b'konsegwenza ta' tali magazinagg ta' *lift* ai termini ta' l-Artikolu 1918 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi a tenur 1892 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta, id-depozitu huwa kuntratt gratuwitu, bla hsara ta’ kull ftehim kuntrarju. Illi l-attur qatt ma dahal ghal ftehim ta’ kumpens mal-konvenut Zarb u l-konsenja saret fuq talba tal-Kunsill Lokali tal-Gzira.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex-

1. Tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju stabilit minn din l-Onorabbli Qorti, iroddu lura lill-attur l-imsemmi *lift.*

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Jannar, 2000, kontra l-konvenuti, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol.3 tal-process.

Rat in**-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Zarb** a fol. 9 tal-process fejn ecepixxa;

Illi fl-ewwel lok u preliminarjament it-talba attrici hekk kif diretta fil-konfront ta’ l-eccipjenti f’ismu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Zarb Garage Limited ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur stante li l-imsemmi eccipjenti proprio et nomine ma huwiex il-legittimu kontradittur ta’ l-attur billi li l-*lift* li jifforma l-meritu tal-kawza odjerna gie depozitat ma’ l-eccipjenti mill-Kunsill Lokali tal-Gzira u mhux mill-attur, ghaldaqstant l-eccipjenti f’ismu propio et nomine ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, l-eccipjenti propio et nomine qed jiddetjeni l-imsemmi *lift* fil-pussess tieghu stante li qed jezercita d-dritt ta’ *ius retentionis* lilu spettanti sakemm dana jithallas il-kumpens lilu dovut ghal tali depozitu necessarju tal-*lift* in kwistjoni maghmul mieghu mill-Kunsill Lokali tal-Gzira.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Kunsil Lokali** a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:

1. It-talbiet attrici kif dedotti kontrieh ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li l-eccipjenti m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mill-atturi u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kif dedotti kontra l-eccipjenti ghadhom jigu michuda peress li l-Kunsill Lokali tal-Gzira qatt ma kellu, u m'ghandux pussess tal-*lift* in kwistjoni.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

F'dina l-kawza l-attur qed jitlob li l-konvenuti jew min minnhom iroddu lura lill-attur il-*lift* li kien thalla ghandhom.

**Fatti**

Bhala fatti jirrizulta likienet saret talba mill-Kunsill Lokali tal-Gzira lill-attur sabiex jigi nstallat lift gewwa c-centru Civiku tal-Gzira. Billi kien hemm lift propjeta' ta' l-attur, li ma setghax jintuza fil-Palazz tal-President gie propost li dan jintuza fic-centru tal-Gzira. Albert Rizzo, li dak iz-zmien kien Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Gzira, kien ftiehem mal-konvenut Zarb biex dan izommlu l-lift f'mahzen il-Gzira ghal zmien qasir sakemm isiru x-xogholijiet mehtiega fic-centru qabel jitwahhal il-lift. Kif kienu se jibdew bix-xogholijiet l-attur gie mgharraf li l-post fejn kien se jitwahhal il-lift kien propjeta' privata u li s-sidien ma kienux qed jaghtu l-kunsens taghhom biex isiru x-xogholijiet. Minhabba f'hekk l-attur informa lill Kunsill li kien ghamel arrangamenti sabiex il-lift jinhazen fil-propjeta' tieghu, u l-Kunsill Lokali accetta basta jinghata garanzija li l-lift jibqa' intiz ghalihom. Meta l-attur mar biex jirtira l-lift minghand Zarb dana beda jirrifjuta li jirrillaxxjah qabel ma jithallas ta' kemm dam ghandu.

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenut Kunsill Lokali qed jeccepixxi li hu m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma l-attur u li hu qatt ma kellu, u m'ghandux pussess tal-*lift* in kwistjoni.

Il-konvenut Zarb qed jeccepixxi li mhux il-legittimu kontradittur ta' l-attur billi li l-*lift* in kwistjoni gie depozitat mieghu mill-Kunsill Lokali tal-Gzira u mhux mill-attur u fit-tieni lok hu qed jiddetjeni l-imsemmi *lift* fil-pussess tieghu stante li qed jezercita d-dritt ta' *ius retentionis* lilu spettanti sakemm jithallas il-kumpens lilu dovut ghal tali depozitu necessarju.

**Kontestazzjoni**

L-attur qed jikkontendi li meta gie propost mis-sindku tal-Kunsill Lokali, Albert Rizzo, li dan il-lift jinzamm il-Gzira ghand il-konvenut Zarb ghal zmien qasir, hu kien accetta dina l-proposta u dan il-lift ittiehed mill-impjegati ta' l-attur ghand Zarb u ma kien sar ebda ftehim ma Zarb li jithallas xi kumpens talli kien ser izomm il-lift ghandu. Inoltre meta Zarb allegatament beda jippretendi Lm5 kull jum hu qatt ma informa lill attur b'dana. Meta l-attur ddepozita l-lift ghand il-konvenut Zarb, fuq suggeriment ta' Albert Rizzo, is-Sindku tal-Kunsill Lokali konvenut, dan sar bhala kuntratt gratuwitu billi Zarb kien qed izommu bi pjacir. L-attur jikkontendi li Zarb kien jaf li l-lift ma kienx propjeta' tal Kunsill Lokali izda tal-Gvern.

Il-konvenut Kunsil Lokali ssottometta li hu qatt ma kellu pussess tal-lift in kwistjoni. Il-lift baqa' dejjem propjeta' tad-Dipartiment attur. Il-fatt li l-lift inzamm ghand il-konvenut Zarb fuq suggeriment ta' Albert Rizzo ma jfissirx li l-Kunsill Lokali qatt ha pussess tal-lift jew assuma xi responsabilita dwaru. Inoltre l-Kunsill qatt ma ftehem jew b'xi mod wieghed lill konvenut Zarb li jaghtih xi forma ta' kumpens talli zamm il-lift.

Il-konvenut Zarb jikkontendi li hu ghandu dritt jiddetjeni l-lift sakemm jithallas dak lilu dovut b'konsegwenza tad-depozitu tal-lift maghmul mill-Kunsill konvenut. Hu jirritjeni li d-depozitu ma sarx mill-attur imma mill-Kunsill konvenut u l-attur qatt ma kien parti fil-ftehim li sar bejnu u Rizzo.

Ghalhekk billi d-depozitu sar mill-Kunsill konvenut isegwi li skond l-artikolu 1908 hu gustifikat li jopponi t-talba ta' l-attur bhala sid u mhux bhala depozitant tal-lift. Skond il-ligi hu ghandu jrodd il-haga lil min fdahielu u f'dan il-kaz il-Kunsill Lokali u dan mhux qed jitolbu lura l-lift. Id-depozitu kien gratuwitu biss ghall-ewwel ftit xhur li l-lift dam depozitat ghandu u meta l-Kunsill ma hax lura l-konsenja tal-lift meta gie mitlub jaghmel hekk minnu, gie accettat_mill-istess Kunsill li l-lift jibqa' jinzamm depozitat ghandu versu l-hlas ta' kumpens xieraq. Il-konvenut Zarb jirritjeni li hu ghandu dritt ta' *ius retentionis* sakem jithallas il-kumpens dovut lilu izda skond l-attur ma hu dovut ebda kumpens ghaliex id-depozitu sar u gie accettat bi pjacir u ghalhekk hu gratuwitu, mentri ghall-Kunsill Lokali ma hu dovut ebda kumpens billi l-Kunsill qatt ma accetta li jaghtih ebda hlas ghad-depozitu.

**Konsiderazzjonijiet**

Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1997 Kap 16 - fuq Privileggi - ma jnehhux il-jedd lill-kreditur li jzomm il-haga fil-pussess tieghu meta jkun hemm dan il-jedd skond il-ligi. Dan l-artikolu jirrizerva favur il-kreditur id-dritt li jzomm il-haga fil-pussess tieghu "meta jkun hemm dan id-dritt skond il-ligi"- li jfisser li l-*jus retentionis* m'ghandux jigi estiz oltre l-kazi kontemplati "*expressis verbis*" mill-ligi. M'hemmx dubbju pero' li depozitarju ghandu dritt tar-ritenzjoni ghaliex skond l-artikolu 1919 dan jaghtih dak il-jedd. L-artikolu 1919 jipprovvdi li d-depozitarju jista' jzomm f'idejh id-depozitu sakemm jithallas ghal kollox ta' dak kollu li jkollu jiehu minhabba dak id-depozitu (ara sentenza App G. Bonnici vs Rev C. Busutill 3/12/1999).

Izda f'dan il-kaz l-attur qed jissottometti li dana d-dritt ma jezistiex fil-konfront tieghu billi hu kien iddepozita l-lift ghand il-konvenut Zarb fuq suggeriment tas-Sindiku tal-Kunsill Lokali Albert Rizzo, u Zarb kien ser jaghmel dan bi pjacir lis-Sindku ghal ftit zmien u bla flus. Il-konvenut Zarb qed jikkontesta li d-depozitu sar mill-attur.

Jirrizulta mill-provi prodotti li l-attur kien accetta li jiddepozita l-lift ghand il-konvenut Zarb u f'Dicembru 1997

David Zerafa, Works Manager impjegat ma l-attur, kien responsabbli ghat-trasferiment tal-lift mill-Palazz tal-President ghall-garaxx ta' Zarb fejn kien hemm prezenti kemm il-konvenut Zarb kif ukoll Albert Rizzo. Skond il-minuti tal-Kunsil Lokali tat-12 ta' Ottubru 1998 jintqal li Albert Rizzo kien informa lill Kunsill li l-ftehim kien sar mas-Sur Zarb, il-Perit Ray Farrugia u mieghu (Rizzo). Il-lift kellu jibqa' fil-garaxx ta' Zarb sa Dicembru 1997 peress li kien hemm il-hsieb li dan jehel f'Jannar 1998. Pero' ftehim dwar l-ammont ta' hlasijiet qatt ma sar.

Jirrizulta li meta sar id-depozitu tal-lift dan ma sarx mill-konvenut Kunsill Lokali izda sar mill-attur fuq suggeriment ta' Albert Rizzo u Zarb kien jaf li l-lift kien tal-Gvern u accetta li jzommu gratwitament ghal ftit zmien sakemm jitwahhal (ara wkoll ittra a fol 77 fejn gie konfermat li l-ftehim dwar magazzinagg sar bejn il-partijiet u mhux mill-Kunsill Lokali biss.)

Skond l-artikolu 1908 id-depozitarju ghandu jrodd il-haga depozitata lil dak biss li jkun fdahielu, jew lil dak li f'isem tieghu jkun sar id-depozitu jew lill persuna li tkun giet mahtura biex tircievi lura l-haga. F'dan il-kaz zgur li d-depozitu sar fizikament mill-attur jew impjegati tieghu u Albert Rizzo li kien irranga ma Zarb ghal magazzinagg tal-lift.

Gara pero' li in segwitu kienet inqalghet il-problema li s-sidien tal-post fejn kellu jitwahhal il-lift ma tawhx il-kunsens taghhom biex isiru x-xogholijiet necessarji u beda ghaddej iz-zmien u l-lift baqa' ghand il-konvenut Zarb. Minn naha tieghu Zarb beda jinsisti ma Rizzo biex il-Kunsill jiehu lura l-lift biex jitwahhal jew inkellha kien ser jibda jiccargja Lm5 kulljum ghal magazzinagg. Jihder li Rizzo kien infurma lill kunsill b'dan u l-Kunsilll kien ikkuntattja lill attur li kien offrilhom post alternattiv biex il-lift ma jibqax ghand Zarb. Il-Kunsill Lokali pero' kien jippreferi li l-lift jibqa fil-lokalita' taghhom u ghalhekk talab garanzija li l-lift ma jinghatax lill xi haddiehor. L-attur kien lest li jiehu lura l-lift f'post alternattiv u anke tah lill Kunsill il-garanzija mitluba izda meta mar biex jiehu l-lift minghand Zarb dana rrifjuta billi ppretenda li jithallas.

Gara li billi kien ghadda hafna z-zmien, Zarb kien kiteb permezz tal-Avukat tieghu fl-10 ta' Settembru 1998 u ghamel formalment it-talba tieghu li hu kien qed jippretendi pagament ta' Lm5 kulljum mill-1 ta' Frar 1998 minghand il-Kunsill Lokali. Jirrizulta mill-provi pero' li jekk kien sar xi ftehim bejn Zarb u Rizzo jew il-Kunsilll konvenut dwar kumpens ghall-magazzinagg bir-rata ta' Lm5.00 kuljum, l-attur qatt ma gie nfurmat bih u lanqas ma kien parti fdan l-allegat ftehim.

Illi l-konvenut Zarb kien accetta li jzomm il-lift ghal ftit zmien, bi pjacir u bla hlas. Izda imbaghad meta twal iz-zmien ippretenda li hu kellu jithallas kumpens ghal magazzinagg. Il-lift kien thalla ghal hafna zmien ghand il-konvenut Zarb minhabba l-problema li nqalghet izda l-attur ma jahtiex ghal dan id-dewmien, billi l-Kunsill konvenut messu ha hsieb jara l-affarijiet tieghu qabel ma jordna li jigi nstallat il-lift u jara li setgha jaghmel dak li ried jaghmel. Ta' dan id-dewmien jahti il-Kunsill konvenut u jekk hemm xi kumpens dovut lill konvenut Zarb dan zgur mhux dovut mill-attur. Billi pero' meta fil-bidu sar il-ftehim u d-depozitu, dan kien gratuwitu u bi pjacir ghalhekk il-konvenut m'ghandux dritt jopponi li l-attur jirtira l-lift li kien halla ghandu, salv naturalment id-dritt ta' Zarb li, jekk kien hemm xi ftehim mal-Kunsill konvenut, jdur fuq il-Kunsill ghal hlas.

## DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuti
U tikkundanna lill konvenut Zarb sabiex fi zmien tlett gimghat millum irodd lura lill-attur l-imsemmi *lift.*
Bl-ispejjez ghall konvenut Kunsill Lokali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------